BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghall-Erbgha u Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2007, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

---

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 23**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Offerta dwar Forniment, Trasport, Installazjoni ta' Lift Panoramiku bil-hgieg gewwa l-Istazzjon (BLC 03/2007)**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 17**
6 **Approvazzjoni tal-listi tal-Flus Kontanti**
7 **Korrispondenza**
8 **Hwejjeg Ohra**
9 **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti ta' l-Erbgha u Ghoxrin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2008 mis-6:30 p.m. sat-8:47 p.m.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Doris Borg, John Mary Calleja, u Sergio Carbonaro waslu fis-6:33pm, fis-6:35pm, u fis-6:50pm rispettivament. Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 23.**

Il-Minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda w ittieħdu bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati b'ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier Dr. George Debattista.

Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

Hawnhekk dahlet fil-kamra l-Vici Sindku s-sinjura Doris Borg. Il-hin kien is-6:33pm

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

Xejn

Hawnhekk dahal fil-kamra l-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja. Il-hin kien is-6 :35pm

*the Council*'. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu jissuggerixxi illi l-imsemmi ittra ghalissa tjinzamm pendenti u terga' titressaq quddiem il-Kunsill wara Mejju li gej. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

7.3 Ittra minghand l-Avukat tal-Kunsill Dr. Ian Spiteri Bailey dwar il-kawza 1349/05MK – Michael Chetcuti et vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv. Saret diskussjoni qasira fejn wara unanimament kien hemm qbil mill-membri kollha prezenti li qabel tittiehed id-decizjoni finali, il-Kunsill ghandu jistaqsi u jitlob lill-avukat dan li gej :- a) x'kienet ir-raguni li l-kawza ma kinitx giet imwaqqa' minhabba li l-kaz seta' kien preskritt (minhabba li kienu ghaddew sentejn) ? b) Sabiex l-avukat jissottometti kopja tal-process tal-kawza lil Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt u wara hi tirraporta lura lill-Kunsill.

7.4 E. Mail minghand is-Segretarju Ezekuttiv ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bit-tema '*Seminar on Leader Programme*'

7.5 Ittra / *statement* bid-data tat-8 ta' Novembru 2007 mill-iskrivana tal-Kunsill is-Sinjura Eleonora Naudi, u korrispondenza ohra bid-data ta' 24 ta' Jannar 2008 miktuba mill-avukat tal-Kunsill Dr Sladden lill-avukat tal-BOV Dr. Stefan Grima. Saret diskussjoni qasira fejn is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv irrispondew ghall-mistoqsijiet kollha li saru u li kienu jikkoncernaw dwar il-kaz imsemmi fl-i*statement*. Is-Sindku qal li fuq dan il-kaz kien sar rapport lill-Pulizja filwaqt li ghaddiet u ghada ghaddeja diversi korrispondenza bejn il-kunsill u l-bank. Is-Sindku qal li fl-*envelope* inkwistjoni kien hemm Lm 190 li kienu kollha jappartjenu hlasijiet ta' kontravvenjonijiet (LES). Dawn kienu maqsuma Lm 115 fi flus kontanti u Lm 75 cekkijiet. Dwar ic-cekkijiet is-Sindku qal li l-Kunsill kien gieghel lill-individwi sabiex jaghmlu *stop payment* tac-cekkijiet rispettivi taghhom u wara jissottomettu cekk iehor bl-istess valur. Hu qal li l-Kunsill kien intrabat ma' l-individwi nvoluti li l-kunsill kien ser ihallas ic-*charges* tal-bank li huma kien ser ikollhom sabiex jaghmlu l-*istop payment*. Wara l-membri kollha prezenti qablu illi l-bilanc ta' Lm 115 li kien baqa', ghandu jithallas mill-Kunsill. Unanimament huma wkoll qablu mad-decizjoni li kienet ittiehdet, illi l-*bank charges* ta' l-individwi jithallsu mill-Kunsill.

7.6 Ittra bid-data tal-11 ta' Dicembru 2007 minghand Dr. Lino Gauci Borda f'isem l-*Old Motors Club*. B'riferenza ghall-kontenut ta' din l-ittra s-Sindku spjega illi l-Kunsill kien ser japplika mal-MEPA sabiex fejn hemm it-*toilet* u l-kamra ta' l-agrikoltura fi gnien l-Istazzjon jigi mwaqqa u mhammel u minflok jittellaw kmamar li jkunu livell mat-triq u mal-gnien rispettivament. Hu ssuggerixxa li dawn il-kmamar ghandhom iservu ghal uzu ta'ghaqdiet Karkarizi fosthom, ta' l-*Old Motors Club* u l-*iScouts/ Girl Guides* ta' Birkirkara. Hu qal li l-ghaqdiet involuti ghanhom ikunu marbuta b'kuntratt u jhallsu kera lill-Kunsill. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-membri kollha prezenti filwaqt li qablu unanimament ma' l-idea li *Old Motors Club u l-iScouts/Girl Guides* ghandhom jinghataw kamra kull wiehed fil-fond imsemmi, huma ssuggerew sabiex il-Kunsill jara jekk hemmx ghaqdiet ohra nteressati li jridu jaghmlu uzu minn kmamar ohra li ser ikun hemm f'dan il-fond il-gdid.

7.7 Ittra bid-data tal-21 ta' Jannar 2008 minghand is-Segretarju tal-kazin tal-Banda Sant'Antnin sabiex l-akkademja Muzikali li hi ppjanata li tittella nhar l-Erbgha 14 ta' Mejju 2008, tigi mtella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali bhalma sar fis-snin l-imghoddija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

7.8 Ittra bid-data tat-22 ta' Novembru 2006 iffirmata mill-Perit tal-Kunsill is-Sur Joe Bugeja, dwar oggezzjoni li saret lill-MEPA f'isem il-Kunsill u numru ta' residenti, dwar PA 07307/07. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li kopja ta' din l-ittra kienet intbghatet lir-residenti kollha milquta.

7.9 Kopja ta' ittra bid-data tal-21 ta' Jannar 2008 li Socjeta Ven. Socjeta Dun Filippu Borgia baghtu lill-W. Rev. Du Kan Charles Gauci.

7.10 Kopja ta' ittra bid-data ta' l-10 ta' Dicembru 2007 ffirmata mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern, is-Sur Charles Deguara u ndirizzata personalment lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone.

7.11 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami pprezenta rendikont/rapport li kien preparat mill-*accountant* tal-Kunsill dwar kemm gew jiswew il-progetti li ghamel il-Kunsill permezz tal-kuntratturi Polidano Bros Ltd u Attard

4 . **Offerta dwar Forniment, Trasport, Installazjoni ta' Lift Panoramiku bil-hgieg gewwa l-Istazzjon (BLC 03/2007)**

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami spjega illi kienet intefghat offerta wahda li kienet tappartjeni lil:-

1 **Central Trading Co. Ltd**

a) **Option a : Lm 18,668**
b) **Option b : Lm 16,359**

Wara li saret diskussjoni qasira s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Ministeru fejn ghandu jinfurmah illi peress li ghax-xoghol mitlub kienet sottomessa offerta wahda, il-Kunsill m' huwiex f'pozizzjoni li jiehu decizjoni. Ghaldaqstant il-Kunsill jesigi, li jekk il-Kunsill ser ihallas parti mill-ispiza, ghandha terga' tinhareg offerta ohra. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu mas-suggeriment tas-sindku.

5 **Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 17**

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 17 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u s-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone. Il-mistoqsijiet li saru kienu jikkoncernaw items 13, 126, u 127. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 17 giet approvata bi tnax–il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis- Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier Dr.George Debattista. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Charlene Camilleri, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr.George Debattista u Mary Spiteri Shaw.

6 **Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**

Il-listi tal-Flus Kontanti tal-perjodu mis-16 ta' Novembru 2007 sad-09 ta' Jannar 2008 kienu tqassmu lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-listi kollha gew approvati bi tnax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier Dr. George Debattista. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Charlene Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr.George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

Hawnhekk dahal fil-kamra l-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro. Il-hin kien is-6:50pm

7 **Korrispondenza**

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-korrispondenza li kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda u ohrajn qabel bdiet il-laqgha

*7.1* Ittra bid-data tad-9 ta'Jannar 2008 minghand il-Perit tal-Kunsill is-Sur Joe Bugeja bit-titlu *'Complaint regarding pot holes filling'*. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar il-patching li sar fi Triq Bontadini il-kuntrattur gie mitlub biex jerga' jaghmlu minhabba li kien sar xoghol hazin. Is-Sindku ssuggerixxa li fejn jidhol *patching* kbir it-tarmak l-antik tat-triq ghandu jigi maqtugh, filwaqt li fejn ikun hemm hofor zghar dawn ghandhom jimtlew bil-metodu normali basta jintuza l-*compactor* . Hawnhekk is-Sindku qal li ghal dan il-ghan f'dawn l-ahhar jiem il-Kunsill xtara *compactor* sabiex jintuza mill-haddiema taghna. Fuq dak li qal is-Sindku kien hemm qbil unanimu

7.2 Ittra bid-data tad-9 ta' Jannar 2008 minghand il-Perit tal-Kunsill is-Sur Joe Bugeja bit-titlu '*Recommendation to*

Brothers Ltd rispettivament. Ir-rapport/rendikont kien juri wkoll il-hlasijiet li kienu saru sa issa u l-bilanc li kien fadal li ghad jrid jithallas lill-kuntratturi msemmija hawn fuq u dan wara li jitnaqqas il-*management fee* u *retation fee*.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi fil-gimghat li gejjien kien ippjanat li l-Kunsill kien ser jircievi is-somma ta' €73,000 mill-fondi tal-UIF li bihom konna ser inkomplu nhallsu lil Polidano Bros Ltd., Attard Bros ltd u lil Francesco Fenech Services Ltd. Hu accena wkoll li kien intlahaq ftehim illi l-bilanc li l-Kunsill baqghalu jhallas il-Kunsill lid-Dipartiment ghar-restawr ta' l-akkwadott issa konna ser inhallsuh fuq perjodu ta' erba' snin.

**8 Hwejjeg Ohra**

8.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li huwa ppjanat li fil-gimghat li gejjien kienu ser jinfethu tlett gonna ohra. Hu qal u ppropona li l-Gnien ta' Sqaq l-Ibghal kien ser jissemma ghall-kunsillier Pawlu Borg hu mistenni jigi nawgurat fil-15 ta' Frar 2008 mill-Prim Ministru. Hu kompla jghid li z-zewg gonna l-ohra cioe' dak ta' Fleur-de-ys u dak Ta' Paris kien ippjanat li jigu nawgurati fit-22 ta' Frar 2008 u fid-29 ta' Frar 2008 rispettivament. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg filwaqt li ghamlet riferenza ghall-isem li nghata l-gnien li jinsab f'Misrah San Alwigi, qalet li tismija tal-gonna ghandha tkun approvata mill-kumitat tat-tismija tat-toroq u dan kif stabbilit fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Hi qalet li dan ma sarx minhabba *sta'* l-injoranza min-naha ta' l-amministrazzjoni. Hi sostniet ukoll li dan kien nuqqas min-naha tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill li ma kienx jaf b'din il-haga. Dwar il-proposta li l-gnien li jinsab fi sqaq l-Ibghal jissemma ghal Pawlu Borg, hi qalet li filwaqt li ghandha kull rispett lejn Pawlu Borg, hi kienet ser t'astjeni bhala rispett lejn il-familja tieghu kif ukoll peress li m'hemmx l-approvazzjoni tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq. Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sinjuri Mary Spiteri Shaw u Michael Camilleri qalu li huma kienu ser jastjenu minhabba l-istess ragunijiet. Il-membri l-ohra prezenti qablu ma' dak li qal u ppropona s-Sindku.

8.2 Il-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-jiem li ghaddew hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienu laqqghu lill-*istaff* tal-kunsill fejn infurmahom illi huma (l-*istaff*) ma kinux awtorizzati li jaghmlu xoghol mir-rajhom. Is-Sindku qal li jekk xi hadd mill-istaff ma jimxiex skond il-proceduri stabbiliti mis-Segretarju Ezekuttiv u mis-Sindku, hu kien ser jiehu l-passi kollha mehtiega. Hu nfurmahom li kull haga nkonnessjoni ma' lmenti u sorveljanza trid tigi rregistrata fl-ufficcju tal-*Customer Care* u wara tingieb ghall-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv, u/jew tas-Sindku. Dan dejjem skond il-kaz. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.3 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien iltaqa' mar-residenti ta' Sqaq Dun Vestru fejn flimkien kienu waslu ghall-konkluzjoni illi sabiex ma issirx hsara fil-genb tad-dar inkwistjoni ghandha tehel *barrier* jew *bollards*. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

8.4 Il-kunsillier is-Sur Michael Camilleri qal li l-wicc ta' Triq it-Torri Wejter ghandu jigi migruf minhabba li triq tizloq hafna. Is-Sur Camilleri gibed l–attenzjoni wkoll li t-tiswija ta' trinka li saret mid-dipartiment tad-dranagg gewwa Triq l-Imsida ma kienx sar sewwa. Hu gibed l-attenzjoni ukoll li t-tappieri tad-dranagg fi Triq l-Imsida ma kinux livellati.

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa jekk l-Iskola Primarja tal-Gvern kinitx baghtet invit lill-Kunsilliera ghal kuncert tal-Milied ? Hu ghamel ukoll riferenza ghal bozza li kienet twahhlet gewwa *drive-in* fi Triq Francesco Buhagiar f'dawn l-ahhar jiem u staqsa minn kien ta' l-ordni biex din titwahhal hemm ? . Dwar l-ewwel mistoqsija s-Sindku wiegeb fin-negattiv, filwaqt li ghat-tieni mistoqsija s-Sindku wiegeb li hu kien ta l-ordni sabiex titwahhal il-bozza msemmija. Hu qal li hu kien lest li jerfa' ir-responsabilta kollha. Dan ghamlu minhabba s-sahha u s-sigurta' tar-residenti ta' l-inhawi b'mod specjali ta' min ghandu l-garaxxijiet hemmhekk.

8.6 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa x'kien sar mill-inkwatri tal-kunsilliera ? Hu ssuggerixxa li dawn ghandhom jehlu fis-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku ha nota ta' dan. Is-Sur Calleja qal li fl-opinjoni tieghu bir-ritratti li twahhlu dan l-ahhar fl-ufficcju tal-Kunsill, l-ufficcju gie mibdul f'kazin Nazzjonalista. Is-Sindku qal li r-ritratti li qed isemmi l-Kunsillier kienu jirrappreżentaw attivitajiet diversi tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kieku l-Kunsilliera

Laburisti attendew ghal dawn l-attivitajiet, huma kienu jigu jidhru wkoll fl-istess ritratti.

8.7 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li hu kien ircieva ittra bid-data tal-25 ta' Novembru 2007 minghand resident li joqghod fi Triq Tumas Fenech dwar is-suq fil-berah. Hu staqsa jekk il-posti jistghux jigu mressqa ghan-naha l-ohra tat-triq ?. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien qed jahdem sabiex jitwaqqaf Sotto Kumitat ghall-Imanigjar tas-Suq ta' Birkirkara. Hu qal li fuq dan is-Sotto Kumitat kien ser ikun hemm rappreżentanza tal-Pulizija, ta' l-Assocjazzjoni tal-Bejjiegha tal-Monti u r-residenti. Hawnhekk hu talab lil Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg sabiex tinnomina membru min-naha tal-Kunsilliera Laburista sabiex isservi fuq dan is-Sotto Kumitat. Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg innominat lis-Sinjuri Anthony Buttigieg u Charlene Camilleri. Hawnhekk il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qalet li hi bhala Vici Sindku ghandha tkun ukoll f'dan is-Sotto Kumitat. Il-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw qalet li hi bhala *chairperson* tas-Sotto Kumitat responsabbli mill-Ordni Pubblika ghandha wkoll tkun f'dan is-Sotto Kumitat.

8.8 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li hemm bzonn tigi ppjanata sistema tal-*One Ways* gha-triq Alof Golcher u Giovanni Papaffi. Is-Sindku ssuggerixxa li hu flimkien mas-Sur Anthony Buttigieg se imorru fuq 'l post halli jaraw x 'jista isir.

8.9 Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt issuggerit illi Triq il-Vaguni tigi *One Way* 'l isfel. Is-Sindku qal li kien ser jghaddi dan is-suggeriment lill-Perit tal-Kunsill. Hi acceniet ghal bzonn li s-sigar u l-pjanti li hemm fuq ir-*roundabout* tal-*By Pass,* hekk kif titla' minn Triq Tumas Fenech ghandhom jinzabru. Is-Sindku qal li dan ix-xoghol kien sar ftit tal-jiem ilu mill-haddiema ta' l-ELC.

8.10 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel riferenza ghar-rapport dwar il-latrini. Hu qal li xoghol li hemm bzonn li jsir fihom kien ser isir mill-haddiema ta' l-IPSL.

Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sinjuri Mary Spiteri shaw u Joanne Borg talbu li jigu skuzati. Il-hin kien it-8:35pm

8.11 Il-Kunsillier s-Sur Sergio Carbonaro qal li t-talba tieghu sabiex iz-*zebra cross* li tinsab hdejn Falzon Petrol Station fi Triq in-Naxxar tersaq 'l sfel, kienet giet irrifjutata mill-ADT.

8.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla qal li Sqaq il-Ghadam kien minghajr dawl, semma' l-bzonn li ssir *roundabout* fi Triq Bontadini, u l-bzonn li jigi mnaddaf u rrangati l-ismijiet li hemm mal-monument tal-Gwerra fi Gnien l-Istazzjon.

8.13 Il-Vici Sindku is-Sinjura Doris Borg staqsiet meta kienet ser issir iz-*Zebra Cross* ta ' triq Tumas Fenech. ?. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien qed jistenna l-kuntrattur ta' l-Enemalta sabiex jaghmel ix-xoghol imsemmi.

8.14 Il-Vici Sindku is-Sinjura Doris Borg gibdet l-attenzjoni li statwa tal-gebel li tinsab fi Triq Sant Antnin kantuniera ma Triq Fleur-de-lys kienet qed titmermer u kienet fil-perikolu li taqa'.

8.15 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg gibed l-attenzjoni sabiex isir *patching* fil-venda tal-karozzi ta' linja fi Triq Fleur-de-lys ezattament fejn kien hemm konka ta' sigra. **Is-Sur Anthony Buttigieg qal ukoll li resident kien qallu illi ma' kinux twahhlu l-Bollards minhabba li hu (Anthony Buttigieg) kien oggezzjoni ghalihom, li fil-fatt ma' kienx minnu.**

## 8 Eghluq

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien id-8:47p.m.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**